L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

1 ta' April 2019
45/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL APRIL 2019**

Il-Ħamis 4 ta' April 2019, fl-10:00 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa Solenni tal-Inawgurazzjoni tal-President George Vella fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ġimgħa 12 ta' April, Jum id-Duluri, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jieħu sehem f'purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Addolorata, li tibda mill-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu), il-Belt Valletta.

Il-Ħadd 14 ta' April, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni ta' Ħadd il-Palm, bit-tberik tal-friegħi taż-żebbuġ u l-palm, u jiċċelebra Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

L-Erbgħa 17 ta' April, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-Via Sacra Djoċesana li tibda minn ħdejn l-istatwa ta' Kristu Re, il-Furjana, u tintemm quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Via Sacra tixxandar live fuq Radju RTK.

Il-Ħamis 18 ta' April, Ħamis ix-Xirka, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-Griżma, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Fis-6:00 p.m., l-Arċisqof imexxi l-Quddiesa fl-Ikla tal-Mulej u wara ssir il-purċissjoni bis-Sagrament lejn l-artal tar-ripożizzjoni, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddies ser jixxandru live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ġimgħa 19 ta' April, il-Ġimgħa l-Kbira, fit-3:30 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-Azzjoni Liturġika tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 20 ta' April, Sibt il-Għid, fit-8:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-liturġija tal-Vġili tal-Għid li tinkludi l-Magħmudija tal-adulti, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 21 ta' April, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Stazzjonali tal-Għid il-Kbir tal-Mulej fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

L-Erbgħa 24 ta' April, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-pellegrinaġġ tradizzjonali ta' San Girgor, iż-Żejtun. Il-pellegrinaġġ jibda mill-Kappella ta' San Klement għall-Knisja ta' San Girgor fejn issir Quddiesa.

Is-Sibt 27 ta' April, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-Ordinazzjoni Presbiterali, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, li fiha erba' djakni djoċesani jiġu ordnati saċerdoti. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta. Fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Charlon Muscat bħala l-kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara.

Il-Ħadd 28 ta' April, Ħadd tal-Ħniena Divina, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa tal-festa tal-Ħniena Divina, fis-Santwarju Ħniena Divina, San Pawl Tat-Tarġa.

It-Tnejn 29 ta' April, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta' ringrazzjament flimkien mas-saċerdoti novelli, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**